**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu 2019**

**Talba Nru: 100/18 CZ**

**Carmelo sive Charles Bianco ghan-nom tas-socjeta' Western Company Ltd. (C 19994)**

**vs.**

**Michael Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-8 ta' Marzu 2018 li biha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef u hmistax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€4,015.47) rapprezentanti din is-somma prezz ta' vettura Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni JBB 981 lilu mibjugha u kkonsenjata u dan kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' skrittura datata 6 ta' Awwissu 2013 (Dok. A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 datata 11 ta' Jannar 2018 u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-23 t'April 2018, Maria Dolores Grech bhala kuratrici ta' Michael Xuereb eccepiet:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghar-ragunijiet segwenti u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza:

1. Illi permezz ta' digriet numru 53/2017 tal-Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, datat 26 ta' Jannar 2007, Michael Xuereb kien gie inabilitat 'milli jaghmel dawk l-atti li mhumiex ta' semplici amministrazzjoni li huma kontemplati fl-Artikolu 524 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jekk mhux bl-ghajnuna tar-rikorrenti li qeghdin jigu nominati kuraturi ta' l-inabilitat biex jassistuh'.
2. Illi stante li l-iskrittura indikata fir-rikors promotur giet iffirmata wara d-data tad-digriet citat, stante li mhix dwar semplici amministrazzjoni, u stante li Michael Xuereb ma kienx assistit mill-kuraturi [sic] tieghu, Michael Xuereb ma kellux il-kapacita' legali li jiffirma l-istess skrittura u konsegwentement din l-iskrittura hija nulla u bla effett.
3. Salvi kontestazzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Charles Bianco ghas-socjeta' attrici[1], u ra li l-konvenut ma ressaq l-ebda xiehda.

Ikkunsidra:

Illi Charles Bianco, rapprezentant tas-socjeta' attrici, xehed illi dahal fi ftehim mal-konvenut esebit bhala Dok. A, li permezz tieghu bieghlu l-vettura Suzuki Zen, ghall-prezz ta' elfejn u sitt mitt Euro (€2,600) u li l-konvenut kellu jhallas permezz ta' pagamenti ta' mitt Euro u hamsa u tmenin centezmu (€100.85) fix-xahar ghal tletin (30) xahar. Il-konvenut waqa' lura fil-hlas, u s-socjeta' attrici procediet bil-kawza odjerna. Ix-xhud qal ukoll illi illi l-konvenut kien inghata rata ta' imghax ta' 4.15% ghal sentejn u nofs, u wara dawk is-sentejn u nofs, ir-rata kienet ta' 8%. F'seduta sussegwenti ix-xhud qal li sar jaf illi l-konvenut kien ghadu qed ibiegh u jixtri l-karozzi, ghax sar jaf dan minghand auto dealer iehor.

Il-konvenut min-naha l-ohra ma ressaq l-ebda prova, hlief ghall-fatt illi mar-risposta tal-kuratrici li prezentat ir-risposta ghalih, gie anness id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) tas-16 ta' Jannar 2007 li bih il-konvenut

[1] Fol. 14 u 21

gie inabilitat u nhatru kuraturi tieghu Mary Xuereb u Maria Dolores sive Doris Grech.

Illi t-Tribunal jara li jrid jaghti l-importanza mehtiega lil dan id-digriet, anke ghaliex l-effetti tieghu jimpingu fuq it-tip ta' negozju li ghamlu l-partijiet. Ma jidhirx li x-xiri ta' karozza huwa att ta' amministrazzjoni ordinarja, u skond dan id-digriet, Michael Xuereb kellu jkollu l-assistenza tal-kuraturi tieghu qabel ma jghaddi sabiex jinnegozja jew jixtri din il-karozza, haga li manifestament ma saritx, ghaliex fuq l-istess skrittura esebita mis-socjeta' attrici jidher li hemm biss il-firma 'Michael', u mhux il-firma tal-kuraturi.

Illi f'dan il-kuntest, wiehed irid iqis l-Artikolu 525 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipula b'mod car illi:

> (1) L-interdizzjoni, kif ukoll l-inabilitazzjoni, tibda sseħħ minn dak in-nhar tad-digriet; u l-atti magħmulin mill-interdett jew mill-inabilitat, wara d-digriet, jew, ukoll, wara l-ħatra ta' kuratur temporanju, huma nulli.

Illi d-digriet li bih gie inabilitat Michael Xuereb u nhatru l-kuraturi kien is-16 ta' Jannar 2007. L-iskrittura esebita mis-socjeta' attrici saret fis-6 t'Awwissu 2013.

Illi l-Artikolu 192 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> In-nullità tal-atti magħmulin mill-interdett jew inabilitat wara l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni ma tistax tiġi opposta ħlief mill-kuratur, jew mill-interdett jew inabilitat, jew mill-werrieta tiegħu jew minn dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu.

Illi fil-kawza odjerna fil-fatt in-nullita' ta' l-iskrittura in kwestjoni giet eccepita minn Maria Dolores Grech, li hija l-kuratrici ta' Michael Xuereb. L-eccezzjoni ta' nullita' ghalhekk hija f'lokha u giet proposta mill-persuna idonea.

Illi kunsidrat dan kollu, ghalhekk, l-iskrittura esebita mis-socjeta' attrici ma jistax ikollha effett, ghaliex saret wara li Michael Xuereb gie inabilitat, u l-ligi tipprovdi b'mod car li atti bhal dawn huma nulli; u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaghti piz lil din l-iskrittura li jidher li fuqha biss qed issejjes it-talbiet taghha s-socjeta' attrici.

Illi wiehed ma jistax jaghti tort sa l-ahhar proceduralment lis-socjeta' attrici li hadet passi direttament kontra Michael Xuereb, li fizikament mieghu gie konkluz in-negozju originarjament. Izda wiehed irid jifhem ukoll illi r-registru ta' persuni inabilitati u interdetti, imqar dak *online*, jista' jigi accessat minn kull min hu interessat. Dan japplika iktar u iktar meta, mix-xiehda ta' l-istess Charles Bianco, jidher li dan jaghmel il-verifiki tieghu dwar id-diligenza tal-klijent qabel ma jaghti kwalsiasi dejn; ghaliex huwa stess xehed illi s-salesmen tieghu ituh il-karta ta' l-identita' tal-klijent u hu jaghmel il-verifiki tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-kuratrici ta' Michael Xuereb u jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici. Kunsidrat l-elementi esposti f'din is-sentenza, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur